IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.5.2015
COM(2015) 276 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

fuq il-programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Iżvezja għall-2015

u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Iżvezja tal-2015

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

fuq il-programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Iżvezja għall-2015

u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Iżvezja tal-2015

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[4],

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew qabel mal-proposta tal-Kummissjoni li jniedi strateġija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi, bl-isem ta' Ewropa 2020, li tkun imsejsa fuq koordinazzjoni msaħħa tal-politiki ekonomiċi. L-istrateġija tiffoka fuq l-oqsma ewlenin fejn hija meħtieġa azzjoni sabiex tingħata spinta lill-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività.

(2) Fit-13 ta' Lulju 2010, il-Kunsill, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, adotta rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni (mill-2010 sal-2014) u fil-21 ta' Ottubru 2010 huwa adotta deċiżjoni dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.
[3] COM(2015) 276.
[4] P8_TA(2015)0067, P8_TA(2015)0068, P8_TA(2015)0069.

Flimkien dawn jiffurmaw il-"linji gwida integrati" li l-Istati Membri ġew mistiedna jieħdu in konsiderazzjoni fil-politiki nazzjonali tagħhom dwar l-ekonomija u l-impjiegi.

(3) Fit-8 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Iżvezja għall-2014 u ta l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Konverġenza aġġornat tal-Iżvezja għall-2014.

(4) Fit-28 ta' Novembru 2014, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir[5], li ta bidu għas-Semestru Ewropew ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2015. Fl-istess ġurnata, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija[6], li fih identifikat lill-Iżvezja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom se ssir reviżjoni fil-fond.

(5) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet sabiex tingħata spinta lill-investiment, jitħaffu r-riformi strutturali u titwettaq konsolidazzjoni fiskali responsabbli li tiffavorixxi t-tkabbir.

(6) Fis-26 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni ppubblikat rapport tal-pajjiżi tal-2015 għall-Iżvezja[7]. Dan ivvaluta l-progress tal-Iżvezja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fit-8 ta' Lulju 2014. Ir-rapport tal-pajjiż jinkludi wkoll ir-riżultati tal-analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha sabiex tikkonkludi li l-Iżvezja għaddejja minn żbilanċi makroekonomiċi li jeħtieġu azzjoni politika u monitoraġġ. B'mod partikolari, id-dejn tal-unitajiet domestiċi għadu f'livelli għoljin ħafna u qed ikompli jespandi b'riżultat taż-żieda fil-prezzijiet tad-djar, rati tal-imgħax baxxi b'mod persistenti u limiti fl-inċentivi fiskali b'saħħithom u fil-provvista tad-djar. L-iżviluppi makroekonomiċi marbutin ma' dejn privat għad jistħoqqilhom attenzjoni.

(7) Fit-23 ta' April 2015, l-Iżvezja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2015 tagħha u fl-24 ta' April 2015, il-Programm ta' Konverġenza tal-2015 tagħha. Sabiexjitqiesu l-konnessjonijiet bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

(8) L-Iżvezja bħalissa qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-2015, il-Gvern qed jippjana li d-defiċit nominali gradwalment jitjieb għal 1,4 % tal-PDG fl-2015 u jilħaq bilanċ fl-2018, u li l-objettiv ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — ikompli jiġi rispettat matul il-perjodu tal-programm. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern huwa mistenni li jilħaq il-qofol tiegħu fl-2015 b'44,2 % u li jonqos gradwalment għal 40,0 % fl-2018. Ix-xenarju makroekonomiku li jsostni dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Madankollu, jeħtieġ li jiġu speċifikati miżuri li jappoġġjaw il-miri tad-defiċit ippjanat mill-2016 'il quddiem. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2015 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li jibqa' fuq l-objettiv ta' terminu medju ta' -1 % fl-2015 u jitjieb għal -0,9 % tal-PDG fl-2016. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Konverġenza u b'kont meħud tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2015 tal-Kummissjoni, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

---

5 COM(2014) 902.
6 COM(2014)904.
7 SWD(2015) 46 finali.

(9) B’kuntrast ma’ ħafna Stati Membri oħrajn, il-prezzijiet tad-djar fl-Iżvezja ma sofrew l-ebda korrezzjoni kbira u ilhom jikbru bis-saħħa minn nofs l-2013. L-analiżi fil-fond imwettqa mill-Kummissjoni jissuġġerixxu li l-prezzijiet tad-djar Żvediżi jidhru li huma ogħla mill-valuri fundamentali tagħhom. Dan huwa parzjalment minħabba kundizzjonijiet bażiċi favorevoli bħal introjtu disponibbli ogħla, rati tal-imgħax baxxi u demografiji tajbin. Madankollu, ir-rapport tal-pajjiżi identifika muturi tal-prezzijiet tad-djar kemm min-naħa tad-domanda kif ukoll min-naħa tal-provvista. Fuq in-naħa tad-domanda, l-inċentivi ta’ kreditu kienu partikolarment favorevoli. Barra minn hekk, is-sistema ta’ tassazzjoni tal-Iżvezja, li tipprovdi waħda mill-aktar inċentivi fiskali b'saħħithom għas-sjieda tad-djar fl-Unjoni, għandha t-tendenza li tgħolli l-prezzijiet tad-djar. Min-naħa l-oħra, din xprunat ukoll iż-żieda fid-dejn tal-unitajiet domestiċi fl-Iżvezja, li huwa għoli u qed jikber b’rata aktar mgħaġġla milli fil-bqija tal-UE. Anke jekk l-assi totali tal-unitajiet domestiċi huma għoljin u l-introjti disponibbli żdiedu f’dawn l-aħħar snin, is-settur tal-unitajiet domestiċi huwa aktar vulnerabbli minn qabel u l-livell għoli tad-dejn tal-unitajiet domestiċi jikkostitwixxi riskju għall-istabbiltà makroekonomika. L-effetti tal-preferenza favur id-dejn fit-tassazzjoni fuq l-introjtu personali għandhom jiġu indirizzati billi jiġi limitat gradwalment it-tnaqqis fiskali fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq ipoteki jew billi jiżdiedu t-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà. Barra minn hekk, jeħtieġ li jsiru sforzi sabiex jiżdied il-pass kajman tal-amortizzazzjoni tal-ipoteki bil-għan li jitnaqqas it-tkabbir fid-dejn tal-unitajiet domestiċi.

(10) Fuq in-naħa tal-provvista, l-ineffiċjenzi strutturali qegħdin iwasslu għal nuqqas ta’ djar u qegħdin jikkontribwixxu għal żieda fil-prezzijiet tad-djar. Dawn ir-restrizzjonijiet qegħdin jillimitaw il-mobilità tas-suq tax-xogħol u joħolqu sfidi soċjali għal gruppi vulnerabbli. Il-provvista qed tinżamm lura minħabba użu ineffettiv tal-istokk eżistenti tad-djar kif ukoll minn nuqqas ta’ investiment strutturali f’bini ġdid. B’mod partikolari, l-inċentivi għall-muniċipalitajiet sabiex jippromwovu l-investiment b’mod attiv fil-kostruzzjoni u jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-abitazzjoni ta’ gruppi vulnerabbli għandhom jissaħħu. Il-kompetizzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni jeħtieġ li titħeġġeġ u għal dan għandhom jiġu żgurati l-proċeduri ta' akkwist pubbliku kompletament trasparenti. Il-proċessi tal-ippjanar u tal-appelli huma twal u kumplessi u għandhom jiġu ssimplifikati. Ir-riġiditajiet fis-suq tal-kera, li ma jidhirx li jissodisfa r-rwol tiegħu li jtaffi l-pressjoni tal-prezzijiet tad-djar jew li jappoġġja l-ħtiġijiet tal-mobilità, huma dovuti prinċipalment għal-livell għoli tal-kontroll tal-kera. Dawn għandhom jiġu indirizzati permezz ta’ riforma gradwali tas-sistema li tistabbilixxi l-kera. Dan għandu jippermetti diverġenza usa' fil-livelli tal-kera — li jista’ jwassal għal użu aktar effettiv tal-istokk eżistenti tad-djar — u aktar libertà fil-kuntratti bejn l-inkwilini u sidien il-kera individwali.

(11) Il-Gvern qed jieħu passi sabiex ittejjeb l-eżiti tal-iskola, wara deterjorament qawwi f’dawn l-aħħar għaxar snin li kkontribwixxa għal qgħad relattivament ogħla fost iż-żgħażagħ. Il-Gvern qed jieħu wkoll miżuri sabiex jiffaċilita t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol u sabiex itejjeb l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta’ żgħażagħ b’livell baxx ta’ edukazzjoni u persuni bi sfond ta’ migrazzjoni. Il-progress f’dan il-qasam jeħtieġ li jiġi ssorveljat.

(12) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Iżvezja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiżi tal-2015. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta’ Konverġenza u l-Programm ta’ Riforma Nazzjonali u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lejn l-Iżvezja fis-snin preċedenti. Hija qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika

sostenibbli fl-Iżvezja iżda anke l-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni Ewropea billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri. Ir-rakkomandazzjonijiet skont is-Semestru Ewropew huma riflessi fir-Rakkomandazzjoni 1 hawn taħt.

(13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-Iżvezja, u huwa tal-fehma [8] li l-Iżvezja tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(14) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Konverġenza. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-Rakkomandazzjoni 1 hawn taħt.

JIRRAKKOMANDA li l-Iżvezja tieħu azzjoni fl-2015 u fl-2016 sabiex:

1. Tindirizza ż-żieda fid-dejn tal-unitajiet domestiċi billi jiġu aġġustati l-inċentivi fiskali, b'mod partikolari billi gradwalment tillimita t-tnaqqis fiskali fuq il-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki jew billi żżid it-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, u billi żżid il-pass tal-amortizzazzjoni tal-ipoteki. Sabiex ittaffi n-nuqqas ta' provvista strutturali tad-djar, tħeġġeġ il-kompetizzjoni fis-settur tal-kostruzzjoni, tissimplifika l-proċeduri tal-ippjanar u tal-appelli għall-kostruzzjoni u tirrevedi s-sistema li tistabbilixxi l-kera sabiex tippermetti livelli ta' kera aktar orjentati lejn is-suq.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[8] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.